# Lectio Divina

## Is-6 Ħadd ta' Matul is-Sena
## Sena Ċ

### Lq 6:17.20-26

**F'dak iż-żmien, Ġesù niżel mat-Tnax u waqaf f'wita, flimkien ma' kotra kbira ta' dixxipli u folla ta' nies minn kull naħa tal-Lhudija u Ġerusalemm u mix-xtajta ta' Tir u Sidon.**

KUNTEST | Minn fuq l-għoljiet, wara lejl ta' talb, Ġesù jsejjaħ id-dixxipli u minnhom jagħżel Tnax li jseħilhom Appostli (cfr *Lq* 6:12-16) li fuqhom ser jibni l-komunità l-ġdida tad-dixxipli. Issa Ġesù jinżel fil-«wita», hemm fejn tinsab «il-kotra» tad-dixxipli u l-«folla ta' nies». Filwaqt li l-għolja hija l-post tal-laqgħa mal-Missier, il-wita huwa l-post tal-laqgħa ta' Kristu mal-bniedem. Hawn Hu jgħaddi sabiex jiltaqa' mal-bniedem marid u jfejqu, mal-imxajtan u jeħilsu, mal-paralitiku u jqawwih (cfr *Mt* 4:23-25). Wara li kien għadu kemm fejjaq raġel b'idu niexfa f'jum is-Sibt u xegħel il-korla tal-kittieba (cfr *Lq* 6:6-11), issa bosta jersqu lejn Ġesù sabiex jerfagħhom mill-piż tal-mard tagħhom «billi kien fejjaq ħafna nies dawk kollha li kellhom xi mard kienu jrossu fuqu biex imissuh» (*Mk* 3:10). Dan huwa l-poplu l-ġdid ta' Alla: l-imġarrbin, il-foqra, l-ilsiera, l-għomja, iz-zopop, il-ħabsin, li għalihom waslet is-sena tal-grazzja tal-Mulej (cfr *Lq* 4:18-19).

**Ġesù rafa' għajnejh lejn id-dixxipli tiegħu u qal:**

Ġesù juri l-wiċċ ta' Alla li ma jħarisx 'l isfel lejn uliedu imma sar bniedem, iċċekken, sabiex ikun jista' jħares 'l fuq lejn il-bniedem (cfr *Lq* 19:5). Huwa Dak li «għad li kien għani, ftaqar minħabba fikom, sabiex intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu» (*2Kor* 8:9). Il-Missier tbattal minn kollox: flimkien ma' Ibnu jagħtina kollox (*Rum* 8:32) – huwa għalhekk Alla *fqir* għax frott l-imħabba tiegħu jingħata għalina (cfr *Ġw* 3:16; 13:4-5). Id-dixxiplu hu mistieden ikollu atteġġjament ta' disponibilità biex jirċievi d-don ta' Alla, lil dak l-Ispirtu li kontinwament ikellem lill-Knisja tiegħu (cfr *Apok* 2:7) u jġeddidha, ifejjaqha, jeħlisha u jwasslilha l-Kelma ta' Kristu (cfr *Ġw* 16:12-13) li ma jieqaf qatt ikellem lid-dixxipli tiegħu.

**«Henjin**

Il-beatitudnijiet huma forma letterarja li kienet diġà tintuża fl-Eġittu, fil-Mesopotanja u fil-Ġreċja. Kienet ukoll forma magħrufa fost il-poplu Lhudi għax kienet preżenti fil-kotba Sapjenzjali tal-Iskrittura (cfr *S* 1:1; 119:1). Il-«hieni» (gr. «μακαριος», tr. *makarios*) huwa l-bniedem ferħan, imbierek minn Alla. Filwaqt li fit-TQ il-bniedem hieni kien dak li jimxi skont il-Liġi ta' Alla, fit-TĠ dan l-hena mhux marbut ma' kemm il-bniedem jimxi skont kodiċi etiku partikulari imma huwa ta' dawk li jgħixu fil-fatt kundizzjoni ta' faqar, ta' ġuħ, ta' biki, ta' persekuzzjoni. Mhux *hena* marbut ma' dak li l-bniedem *jagħmel* imma ma' dak li l-bniedem *hu*. Dan l-*hena* hu diġà tal-bniedem kemm-il darba jagħraf il-fatt ta' kemm Alla jħobbu u jieħu ħsiebu. Għalhekk il-bniedem huwa *hieni* għax Alla jħobbu – aktar kemm jagħraf din il-verità, allura aktar il-bniedem jista' jidħol f'dan l-*hena*. F'*Lq* insibu riferenza għal «hienja/hieni/henjin» 14-il darba, bl-ewwel darba tkun indirizzata lil Marija: «Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej!» (*Lq* 1:45; ara wkoll 6:20-22; 7:23; 10:23; 11:27-28; 12:37-38; 12:43; 14:14-15; 23:29).

**intom il-foqra, għax tagħkom hija s-Saltna ta' Alla.**

L-ewwel minn erba' beatitudnijiet li nsibu f'din is-silta hija ndirizzata lill-«foqra». Din hija l-beatitudni fundamentali li magħha jintrabtu t-tlieta l-oħra. Il-«foqra» (gr. πτωχοι tr. *ptochoi*) mhumiex dawk li għandhom ftit b'ħafna tbatija imma huma dawk li fil-veru sens tal-kelma m'għandhom xejn u jiddependu għal kollox mill-provvidenza. Huma l-*anawim*, dak il-fdal żgħir, vulnerabbli u espost għal kull periklu, li l-uniku kenn u difensur tiegħu hu l-Mulej innifsu: «U nħalli f'nofsok poplu umli u mċekken. U f'isem il-Mulej ifittxu l-kenn» (*Sof* 3:12); «Għax inti kenn għall-imsejken, kenn għall-fqir fid-dwejjaq tiegħu, kenn fl-irwiefen u dell fis-sħana» (*Is* 25:4; cfr *S* 113:7-8). Is-Saltna ta' Alla hija diġà preżenti għall-foqra għax huma, imċaħħda minn kollox, jiddependu bi sħiħ minn Alla u jagħrfu dak il-ġid veru li jibqa' għal dejjem: «Isimgħu, ħuti għeżież: mhux Alla kien li għażel lill-foqra għad-dinja biex jistagħnu fil-fidi u jsiru werrieta tas-Saltna li hu wiegħed lil dawk li jħobbuh?» (*Ġak* 2:5). It-talba tagħhom għandha qawwa kbira għax tinstema' mill-Mulej li jħarishom (cfr *S* 109:31; 140:13). Huma dawk li għax għandhom il-kenn f'Alla jxandru l-għeġubijiet tiegħu: «Lil min għandi fis-sema ħliefek? U meta għandi lilek, x'jonqosni fuq l-art? [...] Iżda jien l-hena tiegħi li nkun qrib Alla; f'Sidi l-Mulej qegħedt il-kenn tiegħi; u nxandar l-għemejjel tiegħek kollha.» (*S* 73:25.28). Il-komunità tad-dixxipli għandha tgħożż lill-foqra u tħalli lilhom jevanġelizzawha (ara *Evangelii gaudium* 197-201).

**Henjin intom li għalissa bil-ġuħ, għax għad tkunu mxebbgħin. Henjin intom li għalissa tibku, għax għad tithennew.**

It-tieni u t-tielet beatitudni jitkellmu fuq sitwazzjoni fil-futur fejn il-Mulej għad itemm it-tbatija tal-imġewħin: «ma jbatux aktar ġuħ, anqas għatx ma jagħmel bihom aktar» u lill-imnikkta għad «jixxuttalhom kull demgħa minn għajnejhom» (*Apok* 7:16.17; cfr *Is* 25:6; 44:3-4; *Ġer* 31:14.25). Apparti l-ġuħ materjali hemm il-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja (cfr *Mt* 5:6), il-ġuħ għal Alla u għall-Kelma tiegħu (cfr *Għam* 8:11; *S* 17:15; 63:1-5). Huwa min kontinwament jagħraf liema huwa l-ħobż veru li jiswa għall-ħajja ta' dejjem (cfr *Ġw* 6:35) li jiftaħ qalbu għal dan l-hena. L-hena mhuwiex għal min jibki frott emozzjoni superfiċjali, imma ta' min jibki quddiem l-infedeltà tiegħu u ta' ħutu l-bnedmin lejn Alla li jħobbna; ta' min ma jibżax jiżra' fid-dmugħ tal-indiema, tal-konverżjoni, taċ-ċaħda tiegħu nnifsu, sabiex jaħsad b'għana ta' ferħ u radd il-ħajr (cfr *S* 6:6-8; *S* 119:136; 126:5-6); ta' min iħalli d-dmugħ tiegħu jnaddfu minn ideat imċajpra u żbaljati: «Aħjar wiċċ imnikket milli daħkan, għax b'niket il-wiċċ titjieb il-qalb. Qalb l-għorrief tkun f'dar il-vistu, u qalb il-boloh f'dar il-ferħ.» (*Koħ* 7:3-4).

**Henjin intom meta minħabba Bin il-bniedem in-nies jobogħdukom, jaqtgħukom minn magħhom, jgħajrukom u jwarrbu isimkom bħallikieku kien xi ħaġa ħażina. Dakinhar li jiġrilkom hekk, ifirħu u aqbżu bil-ferħ, għax araw, ħlaskom kbir ikun fis-sema. L-istess għamlu missirijiethom lill-profeti.**

Ir-raba' beatitudni hija indirizzata b'mod speċifiku lid-dixxipli li jduqu l-istess xorti tal-Imgħallem tagħhom (cfr *Ġw* 15:18-21). Hawn il-wegħda ta' ferħ diġà qed isseħħ fil-preżent, fit-tisħib hekk immedjat mal-missjoni ta' Kristu: «Iżda huma ħarġu minn quddiem is-Sinedriju ferħana talli ġew meqjusa bħala nies li jistħoqqilhom li jkunu mmaqdra minħabba l-isem ta' Ġesù» (*Atti* 5:41). Il-persekuzzjoni li minnha jitkellem Ġesù f'din is-silta hija waħda li tferi l-imħabba lejna infusna (l-istima): in-nuqqas ta' mħabba, l-esklużjoni, l-umiljazzjoni, l-emarġinazzjoni. Id-dixxiplu hu msejjaħ biex jifhem fejn tassew jitkejjel "is-suċċess" tiegħu: mhux fuq il-kejl tal-popolarità u l-apprezzament uman imma fuq dak tas-Salib tal-Feddej: "Jagħmlilna tajjeb inkunu nafu li m'aħniex il-Messija. Dawn it-tip ta' "salvaturi", ċertament, jagħmluni xettiku. Din mhijiex il-fekondità tal-Vanġelu. Meta hemm it-trijonfaliżmu mhemmx Ġesù. Jew aħjar, hemm trijonfaliżmu li fih hemm Ġesù preżenti, hu dak li jħejji għall-Ġimgħa l-Kbira. L-uniku trijonfaliżmu veru u xieraq hu dak ta' Ħadd il-Palm. Hawn jinsab il-Mulej. Dan it-trijonfaliżmu jgħidlek: "Hejji

ruħek għal dak li ser jiġri...". Ma jeżistux soluzzjonijiet maġiċi. Dan hu l-kriterju tiegħi: it-trijonfaliżmu qatt mhu ta' Ġesù. It-trijonf ta' Ġesù, dak veru, hu dejjem is-salib." (FRANCESCO, *La forza della vocazione*, EDB 2018, 71)

**Imma ħażin għalikom,**

Wara l-erba' beatitudnijiet isegwu erba' «ħażin għalikom» (gr. ουαι; tr. *ouai*): esklamazzjonijiet ta' sogħba, ta' weġgħa, ta' "kondoljanzi" li joħorġu mill-qalb ħanina tal-Mulej bħala sejħa biex il-bniedem li nieżel fit-telfien jiftaħ għajnejh u jerġa' lura minn triqtu l-ħażina u jgħix (cfr *Eżek* 33:11; *Is* 5:8; 29:15; 55:7). Huma sejħa għall-konverżjoni ta' min hu mimli bih innifsu u għandu qalbu magħluqa għall-grazzja li ssalva.

**intom l-għonja, għax il-faraġ tagħkom ħadtuh.**

It-tentazzjoni tal-għonja hija dik li jqiegħdu t-tama tagħhom fil-ġid li għandhom b'mod li jafdaw biss fihom infushom u jsiru torox għall-karba tal-imsejken u l-fqir u hekk ma jistagħnewx quddiem Alla (cfr *Lq* 12:21; ara parabbola tal-għani u Lazzru *Lq* 16:19-31; ara kliem iebes ta' *Ġak* 2:6; 5:1-6). Min jintrabat mal-ġid tal-art iċaħħad lilu nnifsu mill-ferħ tas-Saltna li «tixbah lil teżor moħbi f'għalqa, li wieħed raġel isibu u jaħbih, u kollu ferħan imur ibigħ kull ma jkollu u jixtri dik l-għalqa» (*Mt* 13:44). Il-veru faraġ huwa dak li jagħti l-Konsolatur, l-Ispirtu s-Santu li ma jistax jidħol f'qalb li tfittex il-faraġ tagħha fil-ħwejjeġ tad-dinja. Dak kollu li hu tad-dinja għad jgħaddi u l-għani ma jibqagħlu xejn x'ifarrġu (cfr *Apok* 8:6-8). Għalhekk hu għandu jfittex li jiftaħ qalbu u ġidu għal *Lazzru* sabiex miegħu jkollu l-mistrieħ ta' dejjem (cfr Antifona *In paradisum*, Rit tal-Funerali). "Jien tal-fehma li l-għana tixbah lil serp; jekk wieħed ma jafx jaqbdu u jżomm ċertu distanza, bla ma jweġġa', mingħajr periklu, billi jżomm il-bhima mit-tarf ta' denbu, dan jersaq lejn l-id u jigdimha... Mhux min għandu u min ifaddal, imma min jagħti lill-oħrajn huwa sinjur; li taqsam mal-oħrajn, li ma tippossedix; dan jagħmel lill-bniedem hieni" (KLEMENT TA' LIXANDRA, *Pedagogo*, 7:35-36).

**Ħażin għalikom intom li għalissa mxebbgħin, għax għad tkunu bil-ġuħ.**

Min Alla tiegħu hija żaqqu jispiċċa biex ma jfittix dak li tassew jagħti milja u sens sħiħ lill-ħajja tiegħu għaliex jibqa' dejjem fuq il-livell tas-sodisfazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ġisem (cfr *Fil* 3:19). Hu jħallat l-hena evanġeliku mal-pjaċir tas-sensi hekk li jitlef il-ferħ veru. Jaħseb li huwa dak li jipprovdi għalih nnifsu (cfr *Dt* 6:11-12). Il-bniedem tassew hieni huwa dak li f'kull staġun ta' ħajtu u f'kull sitwazzjoni jaf dejjem min Hu dak li qed jagħtih il-qawwa:

«[...] naf ngħix fl-għaks, u naf ngħix fil-ġid; kollox drajt u noqgħod għal kollox: ix-xaba' u l-ġuħ, il-ġid u l-għaks. Għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' dak li jqawwini.» (*Fil* 4:12-13).

**Ħażin għalikom intom li għalissa tidħku, għax għad tnewħu u tibku.**

Fl-Iskrittura nsibu diversi siltiet fejn il-bniedem li jemmen f'Alla hu mistieden sabiex jifraħ (cfr *S* 118:15; *1Tess* 5:16). Huwa miskin il-bniedem li l-ferħ tiegħu ma jsibux f'Alla imma f'dawk il-ħwejjeġ li jbiegħduh minn Alla u minnu nnifsu: «Gwaj għal dawk li jbakkru filgħodu, u jiġru għal wara s-sokor; jiddawwru billejl sa ma jisħnu bl-inbid. Kitarra u arpa, tanbur u flawt, u nbid x'jixorbu fl-ikliet tagħhom, u xejn ma jaħsbu f'għemil il-Mulej, u għemil idejh ma jagħtux kasu.» (*Is* 5:11-12).

**Ħażin għalikom meta kulħadd isemmikom fil-ġid. Għax l-istess għamlu missirijiethom lill-profeti foloz!».**

Il-periklu tad-dixxiplu hu li sabiex iżomm l-isem tiegħu u jkun miżmum fuq wiċċ l-idejn isir bħal dawk il-profeti foloz li jgħidu l-falz, li l-viżjonijiet tagħhom huma gideb, li jxandru s-sliem meta ma hemmx (cfr *Eżek* 13:8-9): «Dawn mhumiex jaqdu lil Kristu Sidna, iżda l-passjonijiet tagħhom; bil-kliem u t-tmellis iqarrqu bil-qlub ta' nies bla malizzja» (*Rum* 16:18). L-imħabba lejn id-dinja teskludi l-imħabba lejn Alla (cfr *1Ġw* 2:15): «Imma kif jista' jkun li temmnu, intom li tieħdu l-glorja mingħand xulxin, waqt li xejn ma tfittxu l-glorja li tiġi mingħand Alla waħdu?» (*Ġw* 5:44). L-«Isem li hu fuq kull isem» (*Fil* 2:9) mhuwiex dak tad-dixxiplu imma dak ta' Ġesù li waħdu jsalva. Għal dan l-Isem id-dixxiplu għandu jitħabat u mhux għal tiegħu.

**Għar-riflessjoni**

Bl-erba' beatutidnijiet tiegħu, Luqa jkellimna dwar l-erba' virtujiet kardinali. Henjin il-foqra, infatti, għax jaħarbu mit-tlellix tad-dinja permezz tal-virtù tal-*qies* (temperanza). Henjin dawk li huma bil-ġuħ, għaliex imwissijin mill-ġuħ tagħhom dwar id-dmir li jagħdru lil min hu bil-ġuħ, anki huma jsibu mogħdrija u l-għajnuna permezz tal-ħidma tal-*ġustizzja*. Infatti l-elemożina, li biha ma nagħtux lil Kristu l-ġid tagħna, imma rroddulu lura dak li hu tiegħu, hija bir-raġun imsejħa ġustizzja mis-salmista li jgħid: «Iqassam u jagħti lill-foqra; għal dejjem tibqa' l-ġustizzja tiegħu" (*S* 112:9). Il-ġustizzja fil-fatt hija dik li permezz tagħha nirrikonoxxu lil kull wieħed dak li hu tiegħu, anke jekk ma għadna

nagħtu xejn lil ħadd, ħlief l-imħabba reċiproka. Henjin dawk li jibku dak li hu fieragħ u jixxenqu għall-ġid ta' dejjem, huma u jagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin permezz tal-*għaqal* (prudenza). Henjin dawk li jseħħilhom jissaportu kull kuntrarju bil-*qawwa* (fortitudni) mogħtija lilhom mill-fidi.

BEDA, *Comm. a Luca* 2.23